EASA
European Union Aviation Safety Agency

# RAPPORT AMBJENTALI TAL-AVJAZZJONI EWROPEA 2025

## Sommarju Eżekuttiv u Rakkomandazzjonijiet




European Environment Agency

EUROCONTROL

# SOMMARJU EŻEKUTTIV



Kif imbassar, dan id-deċennju qed jurina kemm huwa deċiżiv biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima. Matul is-snin 2023 u 2024 rajna temperaturi li jisbqu kull rekord madwar id-dinja bil-konsegwenza li nħolqu tendenzi ta' tibdil fil-klima li qed jittrasformaw il-pjaneta, bl-Ewropa li qiegħda tisħon b'aktar ħeffa minn kwalunkwe kontinent ieħor.

Flimkien ma' setturi ekonomiċi oħrajn, l-avjazzjoni qed issib ruħha f'salib it-toroq fejn tidħol it-tranżizzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tagħha, bil-pressjoni dejjem tiżdied biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali maqbula u jingħelbu l-isfidi minħabba kwistjonijiet marbuta mal-katina ta' provvista li qed iwasslu biex jiddewwem it-tiġdid tal-flotta u jogħla l-prezz tal-fjuwil tal-Avjazzjoni Sostenibbli (SAF) u l-kapaċità limitata tal-produzzjoni. Filwaqt li l-avjazzjoni hi importanti strateġikament għall-Ewropa u tipprovdi benefiċċji sinifikanti bis-saħħa tal-konnettività, tax-xogħol u tal-ekonomija sħiħa, hemm skrutinju akbar tal-effetti negattivi tagħha (storbju, kwalità tal-arja u tibdil fil-klima) fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej u xewqa biex tittieħed azzjoni akbar.

L-Ewropa għarfet dawn l-isfidi u matul dawn l-aħħar snin kien hemm żviluppi qawwija fid-dawl tal-Pjan Ambjentali Ewropew. Issa rridu ndawru ħarsitna lejn il-bżonn li nittrasformaw il-miri ta' sostenibbiltà f'azzjoni, bil-għan li titwettaq tranżizzjoni għaqlija b'riżq avjazzjoni aktar nadifa ekoloġikament filwaqt li nżommu fl-istess ħin livell uniformi għoli ta' sigurtà u konnettività. Dan ir-Raba' Rapport Ambjentali tal-Avjazzjoni Ewropea jipprovdi ħarsa fuq fuq tal-progress attwali u ta' fejn għandna naslu.

# VIŻIERA TAR-RAPPORT AMBJENTALI TAL-AVJAZZJONI EWROPEA (EAER)

## TRAFFIKU




| Indikatur | Unità | 2005 | 2019 | 2023 | 2030[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' titjiriet[2] | miljuni | 8.01 | 9.19 | 8.35 | 9.9 |
| Ammont ta' kilometri li taru l-passiġġieri[3] | biljuni | 777 | 1 459 | 1 375 | 1 683 |
| Għadd ta' bliet pari li ġew servuti fil-biċċa l-kbira tal-ġimgħat b'titjiriet skedati | | 5 368 | 7 991 | 7 695 | Mhux applikabbli |

1 Xenarju bi traffiku bażi.
2 It-titjiriet kollha li telqu mis-27 Stat Membru tal-UE u mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EU27+EFTA) u li waslu fihom.
3 It-titjiriet kollha li telqu mill-EU27+EFTA.

## STORBJU




***Suppożizzjonijiet:***

- *L-infrastruttura tal-ajruport ma nbidlitx (ebda runway ġdida)*
- *Id-densità tal-popolazzjoni madwar l-ajruporti ma nbidlitx wara l-2020*
- *Il-proċeduri lokali għat-tnaqqis tal-istorbju waqt it-tlugħ u l-inżul mhumiex meqjusa*

*Għal kull xenarju ta' traffiku, l-ogħla parti tal-firxa tirrifletti flotta mġedda ta' xenarju b'teknoloġija "staġnata", u l-inqas parti tal-firxa tirrifletti x-xenarju b'teknoloġija 'avvanzata' (ara Appendiċi Ċ għal assunzjonijiet iddettaljati).*

| Indikatur | Unità | 2005 | 2019 | 2023 | 2030[4] |
|---|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' persuni f'livelli ta' ħsejjes ta' L$_{den}$ 55 dB fl-ajruporti[5] | miljuni | 2.75 | 3.80 | 3.43 | 3.26 |
| Livell ta' enerġija akustika medja għal kull operat[6] | $10^9$ Joules | 0.76 | 0.68 | 0.63 | 0.55 |

[4] Xenarju bi traffiku bażi b'titjib fit-teknoloġija tal-ajruplan/tal-magna.

[5] It-titjiriet kollha li telqu minn 98 ajruport ewlenin Ewropej u li waslu fihom.

[6] It-titjiriet kollha li telqu mis-27 Stat Membru tal-UE u mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EU27+EFTA) u li waslu fihom.

## EMISSJONIJIET




| Indikatur[7] | Unità | 2005 | 2019 | 2023 | 2030 |
|---|---|---|---|---|---|
| Emissjonijiet $CO_2$ mit-titjira sħiħa[8] | miljun tunnellata | 109 | 147 | 133 | 144 |
| Emissjonijiet $CO_2$ “netti” mit-titjira sħiħa[9] | miljun tunnellata | 109 | 114 | 108 | 139 |
| $NO_X$ mit-titjira sħiħa[8] | elf tunnellata | 478 | 697 | 644 | 726 |
| Konsum medju ta’ fuel[8] | litri ta’ fuel għal kull 100 kilometru li taru l-passiġġieri | 4.8 | 3.5 | 3.3 | 2.9 |

[7] It-titjiriet kollha li telqu mill-EU27+EFTA.

[8] Il-valur tal-2030 huwa għax-xenarju bi traffiku bażi b’titjib teknoloġiku u operattiv.

[9] Il-valur tal-2030 huwa għax-xenarju bi traffiku bażi b’titjib teknoloġiku u operattiv u bi fuels tal-avjazzjoni sostenibbli. Il-valuri tal-2019 u l-2023 jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet skont miżuri msejsa fuq is-suq. Il-valuri tal-2019 u l-2023 jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet skont miżuri msejsa fuq is-suq.




*Għal kull xenarju ta' traffiku, l-ogħla parti tal-firxa tirrifletti flotta mġedda ta' xenarju b'teknoloġija "staġnata". L-inqas parti tal-firxa tirrifletti x-xenarju b'teknoloġija "avvanzata" tal-ajruplani/tal-magni u b'titjib fl-ATM (ara Appendiċi Ċ għal assunzjonijiet iddettaljati).*




IMPACT, 2005-2023

$CO_2$ nett bl-effett tal-EU ETS, is-CH ETS u l-CORSIA

B'tiġdid tal-flotta b'teknoloġija "staġnata"

- Teknoloġija konvenzjonali tal-ajruplani
- Amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru
- Fuels tal-avjazzjoni sostenibbli
- Ajruplani elettriċi u idroġeniċi

*Il-linji bil-blu jinkludu l-effett tal-miżuri fis-settur skont it-tbassir għat-traffiku bażi: it-tnaqqis fl-emissjonijiet $CO_2$ minn teknoloġija ta' ajruplani konvenzjonali u mill-operat tal-ATM, kif ukoll minn tnaqqis fis-$CO_2$eq minn SAF (skont il-mandat ta' provvista ta' ReFuelEU Aviation u t-tnaqqis massimu tal-emissjonijiet minimi) u propulsjoni elettrika/idroġenika. Il-linji bil-griż juru l-effett tal-miżuri msejsa fuq is-suq: EU ETS (2013-2026), CH ETS (2020-2026) u ICAO CORSIA (2021-2026). Ara Appendiċi Ċ għal assunzjonijiet iddettaljati.*

# MESSAĠĠI EWLENIN

## Ħarsa Fuq Fuq tas-Settur tal-Avjazzjoni

- L-għadd ta' titjiriet li jinżlu u jitilqu fl-ajruporti tal-EU27+EFTA laħaq it-8.35 miljuni fl-2023, li xorta jibqa' 10% inqas mil-livell ta' qabel il-pandemija tal-COVID 2019.

- L-għadd medju ta' passiġġieri (135) u distanza (1,730 km) għal kull titjira qed jibqa' jikber, kif qed jiġrilha l-età medja tal-flotta (11.8 snin).

- Saret reviżjoni 'l isfel tat-tkabbir tat-traffiku għall-ġejjieni, b'9.4, 11.8 u 13.8 miljun titjira issa mbassra fl-2050, skont ix-xenarju bi traffiku baxx, bażiku u għoli rispettivament.

- Fi 98 ajruport Ewropew ewlieni matul l-2023, 3.4 miljun ruħ kienu esposti għal livelli ta' storbju ta' $L_{den}$ 55 dB minn ajruplani u 1.6 miljun ruħ kienu esposti għal aktar minn 50 episodju ta' storbju ta' kuljum minn ajruplani li jaqbeż is-70 dB.

- Filwaqt li l-espożizzjoni totali għall-istorbju fl-ajruporti Ewropej xorta għadha ħarira taħt il-livelli tal-2019, jeżistu tendenzi differenti fejn jidħlu ajruporti individwali minħabba li l-espożizzjoni għall-istorbju żdiedet b'terz ta' dawn l-ajruporti maġġuri bejn l-2019 u l-2023.

- L-ajruplani b'korsija waħda ġġeneraw 71% tal-enerġija akustika totali waqt l-inżul u t-tlugħ tagħhom fl-ajruporti tal-EU27+EFTA matul l-2023.

- It-tiġdid tal-flotot jista' jwassal biex tonqos l-espożizzjoni totali għall-istorbju fl-ajruporti Ewropej kif imkejjel bl-indikaturi tal-$L_{den}$ u l-$L_{lejl}$ matul l-għoxrin sena li ġejjin.

- It-titjiriet kollha li telqu mill-ajurporti tal-EU27+EFTA pproduċew 133 miljun tunnellata ta' $CO_2$ fl-2023, li jfisser 10% anqas minn dak fl-2019. L-ajruplani b'korsija waħda u b'żewġ korsiji kienu responsabbli għal 77% ta' dawn it-titjiriet u għal 96% tal-emissjonijiet $CO_2$, filwaqt li 6% tat-titjiriet kienu fit-tul (>4,000 km) u kienu responsabbli għal 46% tas-$CO_2$.

- Il-massa medja ta' $CO_2$ iġġenerata għal kull kilometru li taru l-passiġġieri kompliet tinżel għal 83 gramma fl-2023, ekwivalenti għal 3.3 litri ta' fuel għal kull 100 kilometru li taru l-passiġġieri.

- Il-miżuri msejsa fuq is-suq għandhom jgħinu biex jistabilizzaw l-emissjonijiet netti ta' $CO_2$ mill-avjazzjoni Ewropea f'qasir żmien.

- Jekk jintlaħqu l-provvedimenti tal-mandat dwar il-provvista ta' fuels tal-avjazzjoni sostenibbli kif imfisser fl-inizjattiva ReFuelEU Aviation, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jistgħu jitnaqqsu b'mill-inqas 65 miljun tunnellata (47%) sal-2050.

- L-emissjonijiet $NO_X$ żdiedu b'aktar ħeffa mill-emissjonijiet $CO_2$ mill-2005 u huma mistennija li jkomplu jiżdiedu jekk ma jsir ebda titjib fit-teknoloġiji tal-magni.

# Impatti Ambjentali mill-Avjazzjoni

- L-aħħar rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO) u tas-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus ilkoll saħqu dwar it-tibdil mifrux, mgħaġġel u bla ebda preċedent fil-klima u dwar episodji estremi fit-temp, bl-Ewropa tisħon darbtejn aktar mill-medja globali u b'hekk tispiċċa ssir l-aktar kontinent fid-dinja li qed jisħon b'rata mgħaġġla.

- L-impatt sħiħ mill-avjazzjoni fuq il-klima flimkien mal-emissjonijiet li ġejjin minnha ta' $CO_2$ u mhux $CO_2$ (eż. $NO_X$, Materja Partikulata, $SO_X$, formazzjoni ta' fwar ta' ilma u ta' sħab tat-tip cirrus).

- Il-Qawwa Radjuattiva Effettiva (ERF) stmata minn emissjonijiet storiċi mhux tas-$CO_2$ bejn l-1940 u l-2018 ammontat għal aktar minn nofs tal-effett nett li l-avjazzjoni qed tħalli fuq id-dinja li qed tisħon, imma l-livell ta' inċertezza mill-effetti mhux $CO_2$ huwa tmien darbiet ogħla minn dak tas-$CO_2$.

- Aktar riċerka dwar l-impatt tal-emissjonijiet mhux $CO_2$ mill-avjazzjoni fuq il-klima, b'mod speċjali fuq it-tibdil ikkaġunat fit-tiswir tas-sħab, għandha twassal biex jitnaqqsu l-inċertezzi u tgħin biex jittieħdu deċiżjonijiet b'saħħithom.

- Fl-1 ta' Jannar 2025 tnieda qafas bil-għan li jkejjel, jirrapporta, u jivverifika (qafas MRV) l-emissjonijiet mhux $CO_2$ prodotti mill-operaturi tal-ajruplani. Dan il-qafas tfassal sabiex jipprovdi data essenzjali għal skop ta' riċerka xjentifika li se ssaħħaħ aktar l-għarfien tagħna dwar l-effetti tal-emissjonijiet mhux $CO_2$ u tgħinna nindirizzaw b'mod aktar effettiv l-impatti tal-avjazzjoni fuq il-klima.

- Fl-2024 tnieda proġett pilota mill-Parlament Ewropew biex jistħarreġ il-possibbiltà li titjieb il-kompożizzjoni tal-

fuel sabiex jitnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi minn emissjonijiet mhux $CO_2$ mingħajr imma ma tkun affettwata ħażin is-sigurtà (eż. anqas aromatiċi, kubrit).

- Twaqqfet l-Aviation Non-$CO_2$ Expert Network (ANCEN) sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-imsieħba kollha u tipprovdi għajnuna teknika b'riżq miżuri ħalli jitnaqqas l-impatt ġenerali fuq il-klima mill-emissjonijiet $CO_2$ u mhux $CO_2$.

- L-adattament u r-reżiljenza tal-avjazzjoni b'rabta mat-tibdil fil-klima se jitqiesu kritiċi biex jindirizzaw it-tendenzi pproġettati għall-ġejjieni waqt kundizzjonijiet atmosferiċi perikolużi (eż. turbulenzi ġġenerati f'temp ċar) kif ukoll it-tibdiliet fil-kundizzjonijiet klimatiċi u ambjentali (eż. żieda fil-livell tal-baħar, tibdil fl-irjieħ dominanti qrib l-art).

- L-emissjonijiet mill-magni tal-ajruplani (primarjament $NO_X$ u materja partikulata (PM)) iħallu impatt fuq il-kwalità tal-ajra madwar l-ajruporti. L-espożizzjoni għal $NO_2$ u l-livelli ta' partiċelli mill-aktar fini mill-avjazzjoni jistgħu jkunu qawwija fiż-żoni residenzjali madwar l-ajruporti.

- Skont data mid-Direttiva dwar l-Istorbju Ambjentali fl-2022 huwa stmat li 644,000 ruħ jesperjenzaw livelli għoljin ta' irritazzjoni minħabba l-istrobju mill-ajruplani, filwaqt li 125,000 ibatu meta jiġu biex jorqdu.

- Ir-restrizzjonijiet mir-Regolament REACH[10] fuq Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (eż. triossidu tal-kromju, sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS)) qed iħallu impatt fuq is-settur tal-avjazzjoni minħabba n-nuqqas ta' alternattivi fl-immedjat.

10 Reġistrazzjoni, Evalwazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)

## Teknoloġija u Disinn

- Matul dawn l-aħħar snin kien hemm għadd limitat ta' ajruplani kbar tat-trasport u ta' tipi ta' magni ġodda ċċertifikati b'titjib ambjentali marġinali, filwaqt li fil-flotta Ewropea qed ikomplu jiddaħħlu kunsinni ta' ajruplani tal-aħħar ġenerazzjoni.

- Sal-1 ta' Jannar 2028 huwa meħtieġ li kull tip ta' ajruplan li qed jinħadem tinħariġlu ċertifikazzjoni b'rabta mal-istandard ICAO $CO_2$ tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar is-$CO_2$, u dan qed iwassal għal żieda tal-attivitajiet f'dan il-qasam.

- L-ajruplani l-ġodda kollha li ssieħbu fil-flotta Ewropea sa mill-2020 għandhom magni skont l-aħħar standard CAEP/8 $NO_X$, u li allura jissuġġerixxi l-bżonn li ssir reviżjoni ta' dan l-istandard matul is-CAEP14 (2025-2028).

- Sa Frar 2025, il-Kumitat tal-ICAO dwar il-Protezzjoni Ambjentali mill-Avjazzjoni (CAEP) qed jaħdem sabiex jintlaħaq ftehim għal aktar standards stretti b'rabta mal-istorbju mill-ajruplani u l-emissjonijiet $CO_2$ li se jkunu importanti biex jinfluwenzaw id-disinni ta' ajruplani ġodda u biex jikkontribwixxu b'riżq il-miri dwar is-sostenibbiltà għall-ġejjieni.

- Tnedew diskussjonijiet fi ħdan l-ICAO CAEP bil-għan li ssir reviżjoni tal-limiti tal-istorbju minn ajruplani u helicopters ħfief li jaħdmu bl-iskrun, li qatt ma nbidlu sa mill-1999 u l-2002, rispettivament.

- Fl-2019 kien intlaħaq qbil mill-esperti indipendenti ta' ICAO dwar il-miri teknoloġiċi sal-2007 u sal-2037 imma li issa għadda żmienhom.

- L-informazzjoni dwar l-emissjonijiet imkejla matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-magna tirrappreżenta sors importanti ta' tagħrif li jwieżen l-immudellar tal-emissjonijiet operattivi waqt it-titjira.

- L-iżviluppi futuri fis-suq tal-ajruplani b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju (eż. elettriċi, idroġeniċi), bl-għajnuna tal-Alleanza għall-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero (AZEA), qed jimmiraw sabiex jingħeleb kull xkiel ħalli jidħol fis-seħħ u jitħaffef il-proċess li bih jonqsu l-emissjonijiet $CO_2$ waqt titjiriet qosra u fit-tul bi 12% sal-2050.

- L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE (EASA) ippubblikat il-linji gwida biex jitkejjel l-istorbju kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-ħarsien ambjentali bil-għan li jirreaġixxu għas-swieq li qed ifaqqsu tad-droni u tal-mobbiltà bl-ajru urbana.

- Orizzont Ewropa, b'fondi ta' €95 biljun, qed tiffinanzja riċerka kollaborattiva u fundamentali fl-avjazzjoni, kif ukoll sħubija (eż. Sħubija Ewropea għal Avjazzjoni Nadifa, Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif) li qegħdin jiżviluppaw u juru teknoloġiji ġodda biex iwieżnu l-Patt Ambjentali Ewropew.

## Ġestjoni u Operazzjonijiet tat-Traffiku tal-Ajru

- Il-proposta tal-Kummissjoni dwar Ajru Uniku Ewropew (SES2+) intlaqgħet formalment fl-2024, minkejja li sar biss progress ċkejken u bosta kwistjonijiet għadhom mhux solvuti.
- L-implimentazzjoni ta' SES2+, flimkien mal-bżonn li wieħed jiffoka fuq il-ħtieġa ta' titjib kontinwu bil-għan li jiġu indirizzati kwistjonijiet mhux solvuti, jitqiesu kruċjali biex jissaħħu l-kapaċità, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà.
- Il-Perjodu ta' Referenza 4 (RP4) (2025-2029) skont il-miri ta' prestazzjoni ta' SES jirrifletti l-ambizzjoni li tisaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali.
- Hemm bżonn li l-iskema ta' prestazzjoni ta' SES titjieb skont it-termini tal-indikaturi ta' prestazzjoni tal-Amministrazzjoni u Operati tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) b'rabta mal-ambjent. Għaddej xogħol kontinwu biex ikun identifikat indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI) aktar b'saħħtu li, wara perjodu ta' monitoraġġ u analiżi matul l-RP4, ikun lest biex jitfasslu l-miri ta' prestazzjoni għall-RP5 (2030-2034).
- Ma jistgħux jintlaħqu miri ta' prestazzjoni ambjentali ambizzjużi sakemm is-sistema tal-ATM ma tweżinx u ma tinċentivax lill-imsieħba kollha bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza tal-mod kif joperaw.
- Jistgħu jiġu ffrankati mal-400 miljun tunnellata ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ (9.3% anqas $CO_2$ għal kull titjira) bi twettiq tal-viżjoni tal-pjan ġenerali tal-ATM ta' SES sal-2050.
- Il-gwerra fl-Ukrajna u l-kunflitt fil-Lvant Nofsani, u l-impatt sussegwenti fuq l-ispazju tal-ajru tal-UE, kompla jagħmilha aktar diffiċli biex wieħed jevalwa jekk l-azzjonijiet tal-ATM b'riżq it-titjib tal-indikaturi ta' prestazzjoni ambjentali wasslux biex jinkisbu benefiċċji tanġibbli.

- Matul il-perjodu li fih ikun hemm ħafna xogħol, il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jaf ikollhom bżonn jużaw proċeduri alternattivi biex tinżamm id-distanza meħtieġa bejn l-ajruplani, u dan jillimita b'hekk il-ħidma mwettqa favur tnaqqis kontinwu fil-konsum ta' fuel.

- L-implimentazzjoni ta' spazju tal-ajru b'rotot ħielsa (FRA) bejn il-fruntieri ttejjeb b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ambjentali waqt ir-rotta nnifisha. Sal-2026 huwa stmat li jistgħu jiġu ffrankati sa 94,000 tunnellata ta' emissjonijiet annwali ta' $CO_2$ permezz tal-implimentazzjoni tal-FRA tal-Borealis Alliance fost 9 Stati.

- L-istrajkijiet fost il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-2023 ħallew impatt ambjentali qawwi billi wasslu biex it-titjir jiżdied b'96,000 km u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ jiżdiedu b'1,200 tunnellata minħabba r-riperkussjonijiet indiretti fost l-Istati membri u n-nisġa ta' SES.

- Studju mir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) stima li investiment ta' miljun ewro fil-Proġett Komuni 1 (CP1) skont il-funzjonalitajiet tal-ATM matul l-2023 wassal għal benefiċċju monetizzabbli ta' €1.5 miljuni u biex jiġu ffrankati 0.6 kg ta' $CO_2$, u huwa mistenni li dawn il-benefiċċji jkomplu jiżdiedu maż-żmien hekk kif jitwettaq is-CP1.

## Ajruporti

- Matul l-2023, L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE (EASA) ħadet taħt idejha l-amministrazzjoni u l-hosting ta' data storika dwar it-tnigġis mill-istorbju u l-prestazzjoni tal-ajruplani (ANP), li kienu diġà maqbula qabel il-mandat legali tal-EASA skont ir-Regolament tal-Istorbju fi ħdan "Approċċ Bilanċjat", bil-għan li tinħoloq għajn unika ta' data ANP fl-Ewropa.
- Skont evalwazzjoni tal-implimentazzjoni fl-2023 tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali ġie konkluż li l-Kummissjoni għandha tevalwa x'titjib jista' jseħħ, li jinkludi miri sabiex jitnaqqas l-istorbju fuq livell ta' UE skont il-Pjan ta' Azzjoni lejn Tniġġis Żero.
- L-istess evalwazzjoni nnotat ukoll li l-Istati Membri kellhom bżonn jaċċelleraw l-isforzi favur il-konformità u jassiguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni jimxu id f'id mal-Approċċ Bilanċjat.
- Qed tkompli tiżdied il-pressjoni sabiex jiġu indirizzati l-impatti ambjentali fuq livell ta' 'sistemi fl-ajruport' jew inkella jħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet eħrex fl-operat tagħhom.
- Seħħew reviżjonijiet tad-Direttivi tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja maqbula fl-2024 li kienu jinkludu żvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni b'riżq il-kwalità tal-ajra meta jinqabżu l-limiti, tisħiħ tal-monitoraġġ fejn tidħol il-konformità, trasparenza akbar għaċ-ċittadini kif ukoll penali u kumpens f'każ ta' ksur tal-liġi u regolamenti.
- Fl-2022, l-ewwel assessjar tal-monitoraġġ tal-Pjan ta' Azzjoni lejn Tniġġis Żero kkonkluda li l-mira dwar l-istorbju għall-2030 diffiċli ħafna li tintlaħaq, filwaqt li sar progress tajjeb fejn jidħlu l-miri dwar it-tinġis fl-arja.

- 51% tal-operat b'rabta mal-ajruplani fl-Ewropa kien konformi mal-aħħar Kapitlu 14 dwar il-livell tal-istorbju fl-2023.

- Qed jitwettqu ċerti inizjattivi importanti marbutin mal-ajruporti sabiex isir investiment fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post bil-għan li jkun iġġenerat l-elettriku ħalli jissupplixxi tagħmir ta' sapport fuq l-art, u b'hekk jitnaqqsu l-istorbju u l-emissjonijiet.

- L-infrastruttura tal-ajruporti se jkollha bżonn tadatta ruħha biex takkomoda ajruplani li jaħdmu bi fuels tas-SAF u bla emissjonijiet (elettriċi, idroġeniċi) u jintlaħqu r-rekwiżiti tal-inizjattiva ReFuelEU Aviation. Dalwaqt jitniedu proġetti varji ta' riċerka u ta' mekkaniżmi ta' finanzjamenti.

- Xi ajruporti qed juru s-sapport tagħhom biex jilqgħu ajruplani li jaħdmu bis-SAF u dan billi jinvestu fil-produzzjoni, jissieħbu f'katini ta' provvista, iqajmu għarfien, joħolqu inċentivi finanzjarji u juru impenn politiku.

- 118-il ajruport fl-Ewropa ħabbru mira ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ żero netti sal-2030 jew qabel,, u 16-il ajruport diġà kisbuh dan.

- Fl-2023, iddaħħal Livell 5 ġdid fil-programm ta' akkreditazzjoni tal-karbonju tal-ajruporti, li jitlob tnaqqis sa 90% fl-emissjonijiet $CO_2$ fi Scopes 1 u 2, impronta tal-karbonju vverifikata u Pjan ta' Sħubija mal-Imsieħba b'riżq l-ebda emissjoni netta ta' $CO_2$ fi Scope 3.

## Fjuwil tal-Avjazzjoni Sostenibbli

- Ir-Regolament dwar ir-ReFuelEU Aviation fassal sett ta' mandati dwar provvista minima ta' SAF fl-Ewropa, li tibda bi 2% fl-2025 u li togħla għal 70% fl-2050.
- Sottomandat għal e-fuels sintetiċi, li jibdew minn 0.7% fl-2030 u jitilgħu għal 35% fl-2050 jisħaq dwar il-potenzjal kbir li għandhom li jnaqqsu l-emissjonijiet.
- Is-SAF fornuti skont il-mandat tar-ReFuelEU Aviation għandhom ikunu konformi mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kif imniżżla fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED).
- Fl-2023, il-konferenza tal-ICAO dwar l-avjazzjoni u l-fuels alternattivi (CAAF) CAAF/3 qablet mal-viżjoni ambizzjuża dinjija li jitnaqqsu l-emissjonijiet $CO_2$ mill-avjazzjoni internazzjonali b'5% sal-2030 billi jintużaw SAF, fuel tal-avjazzjoni b'livell baxx ta' karbonju u sorsi oħra ta' enerġija aktar nadifa għall-avjazzjoni.
- Mill-2024, il-produzzjoni tas-SAF kienet tissarraf biss f'0.53% tal-ammont globali ta' fuel użat għall-ajruplani. Hija meħtieġa espansjoni qawwija tal-kapaċità produttiva biex jintlaħqu l-mandati u l-miri tal-ġejjieni.
- Is-SAF għandhom jilħqu l-livelli internazzjonali biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-prestazzjoni tal-fuels għall-avjazzjoni. Ġew approvati tipi varji ta' SAF, filwaqt li qed isiru sforzi kontinwi biex jiżdiedu l-limiti ta' taħlit u jitwieżen l-użu totali ta' 100% fuel ta' sostituzzjoni SAF sal-2030.
- Is-SAF għandu l-potenzjal li joffri tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet $CO_2$ u mhux $CO_2$ matul il-ħajja tal-ajruplan imqabbel mal-fuels konvenzjonali għall-ajruplani, li jintlaħaq primarjament matul il-proċess ta' produzzjoni billi tintuża materja prima sostenibbli. Madanakollu, bosta fatturi fosthom it-tibdil fil-mod kif tintuża l-art, jistgħu jħallu impatt negattiv fuq l-emissjonijiet totali matul il-ħajja tal-ajruplan.

- Iż-żieda fil-produzzjoni tas-SAF qajmet ħsibijiet minħabba li jista’ jkun hemm imġiba frawdolenti, li permezz tagħha prodotti mgħoddija bħala konformi mar-rekwiżiti ta’ sostenibbiltà RED jaf ma jkunux.
- Daħlu fis-seħħ firxa ta’ miżuri biex jgħinu ħalli jintlaħqu l-miri Ewropej u tal-ICAO dwar is-SAF, fosthom Clearing House Ewropew, inċentivi finanzjarji, programmi ta’ riċerka u kooperazzjoni internazzjonali.
- Il-kapaċità produttiva ta’ SAF li għadha qed tinbena taf tkun kapaċi li tforni t-3.2 miljun tunnellata ta’ SAF kif mitlub minn ReFuelEU Aviation sal-2030, imma mbagħad ikun meħtieġ li tkompli tiżdied b’ħeffa.
- Il-prezzijiet tas-SAF bħalissa huma bejn 3 sa 10 darbiet ogħla mill-fuel konvenzjonali, minkejja li huma mistennija li jonqsu b’mod sostanzjali hekk kif ikomplu jissaħħu t-teknoloġiji produttivi.



## Miżuri Msejsa fuq is-Suq

- Il-miżuri msejsa fuq is-suq jinċentivaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet 'fis-settur' permezz ta' teknoloġiji, miżuri operattivi u fuels tal-avjazzjoni sostenibbli, filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw ukoll l-emissjonijiet li jibqgħu permezz ta' miżuri 'lil hinn minnu'.

- Matul l-2013 u l-2023, l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti mill-emissjonijiet (EU ETS) wasslet għal tnaqqis ta' emissjonijiet netti ta' $CO_2$ fl-avjazzjoni ta' 206 miljun tunnellata permezz ta' fondi b'riżq tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi oħrajn, li minnhom 47 miljun tunnellata kienu bejn l-2021 u l-2023 (madwar 35% tal-emissjonijiet $CO_2$ fin-Netherlands fl-2022).

- Il-prezzijiet ta' konċessjoni skont l-EU ETS żdiedu f'dawn l-aħħar snin, u laħqu prezz annwali medju ta' aktar minn €80 kull tunnellata ta' $CO_2$ fl-2022 u l-2023.

- Fl-2023 kien hemm qbil li jsiru reviżjonijiet fl-EU ETS, li kienu jinkludu l-eliminazzjoni gradwali tal-konċessjonijiet għall-kumpaniji tal-ajru u tnaqqis tal-limitu ta' emissjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni mill-2024.

- Fl-2019 beda proċess ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika tal-emissjonijiet $CO_2$ skont l-iskema ta' kumpens u tnaqqis tal-karbonju għall-avjazzjoni internazzjonali CORSIA. Mill-2025, 129 minn 193 Stat fl-ICAO ddeċidew minn jeddhom li jieħdu sehem fl-iskema ta' kumpens imnedija f'CORSIA.

- Huwa mistenni li l-iskema ta' kumpens CORSIA tibda taħdem fl-2024. Huwa mbassar li total ta' 19-il miljun tunnellata ta' emissjonijiet $CO_2$ se jirriżultaw minn titjiriet li jitilqu mill-Ewropa matul l-ewwel fażi ta' CORSIA bejn l-2024 u l-2026.

- L-ewwel unitajiet ta’ emissjonijiet issa ġew awtorizzati biex jintużaw f’CORSIA, f’konformità mar-regoli tal-konvenzjoni qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima UNFCCC sabiex ikun evitat li t-tnaqqis fl-emissjonijiet jingħadd darbtejn.

- Ġiet emendata l-inizjattiva ta’ finanzjament sostenibbli mis-Sistema ta’ Tassonomija tal-UE biex tinkludi attivitajiet tal-avjazzjoni.

- Ma ntlaħaq l-ebda qbil dwar proposti biex issir reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija biex jiddaħħlu rati minimi ta’ tassazzjoni għall-passiġġieri li jtiru bejn pajjiżi tal-UE.



## Kooperazzjoni Internazzjonali

- L-isfidi ambjentali globali jirrikjedu kooperazzjoni dinjija sabiex jinkisbu l-miri maqbula għall-ġejjieni.
- Sa mill-2022, entitajiet Ewropej (eż. Stati, Istituzzjonijiet u Msieħba) intrabtu li jagħtu aktar minn €20 miljun ewro sabiex jgħinu inizjattivi fl-avjazzjoni ċivili maħsuba li jħarsu l-ambjent fl-Afrika, l-Ażja, l-Amerka Latina u l-Karibew.
- Il-kollaborazzjoni mal-Istati msieħba wasslet biex jitwettqu b'mod b'saħħtu il-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u l-verifika skont CORSIA f'aktar minn 100 Stat, u dan ħaffef il-proċess biex Stati ġodda jissieħbu fil-fażijiet pilota u bikrija b'mod volontarju.
- Is-sapport tekniku kkontribwixxa għall-iżvilupp tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni Statali jew għall-aġġornament ta' dak eżistenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fi 18-il Stat, kif ukoll biex wieħed jifhem aktar is-SAF u l-opportunitajiet assoċjati globalment.
- Huwa mistenni li l-isforzi fil-ġejjieni mal-Istati msieħba fl-Afrika, fl-Ażja, fl-Amerka Latina u fil-Karibew se jikkonċentraw fuq it-twettiq tas-sistema ta' kumpens ta' CORSIA u fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex tikber il-produzzjoni ta' SAF.
- Inizjattvi bħall-istrateġija Global Gateway tal-UE qed jipprovdu sapport finanzjarju biex jgħinu l-Istati ħalli jiżviluppaw l-ekonomija ħadra tagħhom u jwettqu proġetti vijabbli ta' produzzjoni ta' SAF fl-Istati msieħba.

- L-għarfien, il-koordinazzjoni, u l-kollaborazzjoni f'inizjattivi ta' kooperazzjoni Internazzjonali fost l-imsieħba li jipprovdu s-sapport meħtieġ huma essenzjali biex il-valur tar-riżorsi pprovduti lill-Istati msieħba jilħaq miljitu.

- L-Aviation Environmental Protection Coordination Group (AEPCG) jipprovdi forum biex iħaffef din il-koordinazzjoni ta' azzjoni Ewropea mal-Istati msieħba.




AIRBUS
Danger


PART

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## PROGRESS FUQ IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EAER 2022

**Dan li ġej jisħaq fuq l-oqsma ewlenin li fihom seħħ progress imqabbel mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-EASA u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) fl-EAER 2022:**

- It-twaqqif ta' objettivi indikattivi kollettivi fuq livell ta' ICAO:
  - Ebda emissjoni netta ta' karbonju mill-avjazzjoni internazzjonali sal-2050.
  - Tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ mill-avjazzjoni internazzjonali b'5% sal-2030 b'żieda fil-produzzjoni ta' fjuwil tal-Avjazzjoni Sostenibbli u inizjattivi oħra ta' enerġija nadifa.

- L-adozzjoni tar-Regolament dwar ir-ReFuelEU Aviation b'mandat ta' provvista ta' SAF fit-tul li jiżdied għal 70% fl-2050 u l-ħolqien ta' Tikketta ta' Emissjonjiet minn Titjiriet.
- Il-ħolqien ta' miżuri ta' appoġġ biex jitwettaq il-mandat tar-ReFuelEU Aviation (eż. alleanza dwar l-użu ta' Fuels Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Karbonju, Clearing House Ewropew, Tassonomija, Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku).
- L-introduzzjoni tal-proġett Ewropew dwar l-istandards tal-fuels li jqis it-titjib tal-kompożizzjoni tal-fuel biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mhux $CO_2$.

- It-twettiq ta' valutazzjoni ta' standards ġodda kkombinati mill-ICAO dwar l-istorbju mill-ajruplani u l-emissjonijiet $CO_2$, li huma vijabbli teknikament, raġonevoli ekonomikament u ta' benefiċċju ambjentali, bil-għan li jwieżnu d-deċiżjoni li trid tittieħed fl-2025.
- L-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali biex jgħinu fit-tfassil u l-integrazzjoni operazzjonali ta' swieq ġodda fis-settur tal-avjazzjoni (eż. droni, mobbiltà bl-ajru urbana, trasport supersoniku) f'livell ta' UE u ICAO.

- It-tnedija ta' inizjattivi importanti ta' riċerka biex dak li jkun jagħraf u jifhem aktar kif jindirizza l-effett sħiħ tal-emissjonijiet mill-ajruplani ($CO_2$ u mhux $CO_2$) fuq it-tibdil fil-klima.



- L-adozzjoni tar-riformi modesti tal-Unjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u t-tiġdid tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru bil-mira li jkun hemm tnaqqis ta' 9.3% fl-emissjonijiet $CO_2$ f'kull titjira sal-2050 imqabbel mal-2023.
- Iż-żieda minn 90 għal 130 ajruport Ewropew li jridu jilħqu l-mira ta' ebda emissjoni $CO_2$ sal-2030.



- Ir-reviżjoni tas-sistema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE biex jinkludu l-eliminazzjoni gradwali tal-konċessjonijiet b'xejn għal-linji tal-ajru, it-tnaqqis tal-emissjonijiet massimi mill-avjazzjoni mill-2024 'il quddiem, il-ħolqien ta' qafas MRV b'rabta ma' emissjonijiet mhux $CO_2$ u ta' mekkaniżmu ta' kumpens tal-prezz ta' 20 miljun konċessjoni ETS biex titwieżen l-adozzjoni ta' SAF.
- It-twettiq tal-emendi fis-Sistema ta' Tassonomija tal-UE biex ikunu ddefiniti l-prodotti u s-servizzi tal-avjazzjoni meqjusa sostenibbli fuq livell ambjentali.



- L-impenn ta' entitajiet Ewropej (eż. Stati, istituzzjonijiet u msieħba) li jagħtu aktar minn €20 miljun ewro sabiex iwieżnu inizjattivi fl-avjazzjoni ċivili biex jitħares l-ambjent fl-Afrika, l-Ażja, l-Amerka Latina u l-Karibew.
- Il-koordinazzjoni bejn l-EAER u l-Pjan ta' Azzjoni Statali tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) biex issir armonizzazzjoni tal-informazzjoni fuq livell ta' UE u ICAO.
- Il-ħolqien ta' nisġiet Ewropej li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn il-gruppi tal-imsieħba kollha fejn jidħlu l-impatti tas-settur tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima, il-qsim tal-aħjar prattiċi b'rabta mal-adattament klimatiku u s-sapport tekniku dwar miżuri biex jitnaqqas l-impatt klimatiku mill-emissjonijiet mhux $CO_2$ mill-avjazzjoni.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EAER 2025

**Din it-taqsima tidentifika aktar rakkomandazzjonijiet mill-EASA u l-EEA msejsa fuq l-informazzjoni u l-analiżi f'EAER 2025. L-għan tagħhom huwa li jitjieb il-livell ta' ħarsien ambjentali fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, mingħajr ebda kompromess mas-sigurtà, u li jwieżnu lill-Unjoni Ewropea hija u tassigura li s-settur tal-avjazzjoni jagħti sehmu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[11] permezz ta' kollaborazzjoni, impenn u verifikazzjoni effettivi.**

## 1. Garanzija ta' superviżjoni effettiva u ta' progress b'riżq it-twettiq ta' objettivi politiċi

- Inkomplu nsaħħu l-EAER sabiex jipprovdi sistema ta' monitoraġġ komprensiv tal-prestazzjoni ambjentali tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew u jippermetti li nipprijoritizzaw l-azzjonijiet[12] u l-użu tar-riżorsi biex jintlaħqu l-miri maqbula.
  - ◊ Forniment ta' data mis-settur tal-avjazzjoni u l-analiżi tagħha biex tintwera l-effettività tal-politika mressqa fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.
  - ◊ Għoti ta' informazzjoni biex jittieħdu deċiżjonijiet b'saħħithom u jkunu armonizzati r-rapporti fuq livell Ewropew u ta' ICAO.
  - ◊ Kooperazzjoni eqreb bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej (eż. UE, EUROCONTROL, ECAC) u l-Istati Membri

[11] Il-Patt Ekoloġiku Ewropew iħaddan b'mod partikolari l-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero.

[12] Fl-2023, l-ajruplani b'korsija waħda ġġeneraw 71% tal-enerġija akustika waqt l-inżul u t-tlugħ tagħhom minn 98 ajruport ewlieni tal-EU27+EFTA. L-ajruplani b'korsija waħda u b'żewġ korsiji kienu responsabbli għal 77% tat-titjiriet li jitilqu mill-ajruporti tal-EU27+EFTA u għal 96% tal-emissjonijiet $CO_2$, waqt li 6% tat-titjiriet kienu fit-tul (>4,000 km) u kienu responsabbli għal 46% ta' $CO_2$. Fl-2050, is-settur tal-avjazzjoni fl-EU27+EFTA għandu jnaqqas l-emissjonijiet $CO_2$ mill-ajruporti fejn jitilqu t-titjiriet b'mill-inqas 65% permezz ta' miżuri interni fis-settur (teknoloġija, operati, fuels). Dan iħalli mill-inqas 60 miljun tunnellata ta' $CO_2$ li jridu jiġu indirizzati permezz ta' miżuri interni fis-settur (eż. miżuri msejsa fuq is-suq).

tagħhom, meqjusa mill-aktar kritiċi biex jinkiseb dan l-objettiv.

- Inwieġbu għat-tħassib taċ-ċittadini Ewropej billi nipprowmwovu komunikazzjoni mirquma, trasparenti u effettiva[13] dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-avjazzjoni.

## 2. Teknoloġiji standard li jinċentivaw l-innovazzjoni

- Jintlaħaq qbil dwar standards ambizzjużi b'rabta mas-$CO_2$ u l-istorbju għal tipi ta' ajruplani ġodda f'CAEP/13 fl-2025 bil-għan li jkunu influwenzati d-disinji għall-ġejjieni u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri maqbula dwar is-sostenibbiltà (eż. il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-Pjan ta' Azzjoni lejn Tniġġis Żero; il-mira ta' ICAO ta' ebda emissjoni tal-karbonju sal-2050).

- Isiru reviżjoni tal-istandard attwali tal-emissjonijiet $NO_X$ għall-magni tal-ajruplani u titjib tal-proċeduri li jkejlu l-emissjonijiet ta' materja partikolata mhux volatili waqt il-programm ta' ħidma CAEP/14 (2025-2028).

- Jiġġeddu l-objettivi teknoloġiċi preżenti għall-għaxar snin (2027) u l-għoxrin sena li ġejjin (2037) stabbiliti mill-esperti indipendenti tal-ICAO, sabiex jibqgħu rilevanti u xierqa għall-iskop li għalih inħolqu.

- Jissaħħaħ l-għarfien tal-karatteristiċi tal-emissjonijiet minn magni tal-ajruplani, inkluż waqt il-proċess ta' ċertifikazzjoni, biex b'hekk il-mudelli tal-emissjonijiet mhux $CO_2$ waqt it-titjira nnifisha jsiru aktar preċiżi.

- Niggarantixxu l-preparazzjoni teknoloġika, industrijali u ta' ċertifikazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' ajruplani u magni biex inżommu maż-żmien imbassar li fih għandhom jibdew jitħaddmu u jintuża 100% SAF.

[13] Eż. EAER, data ambjentali ċċertifikata dwar il-magni tal-ajruplani, KPIs tal-Iskema ta' prestazzjoni tas-SES, it-Tikketta ta' Emissjonijiet minn Titjiriet, Rapporti annwali dwar is-SAF mill-inizjattiva ReFuelEU, data dwar emissjonijiet minn ETS / CORSIA, Rapporti dwar il-Monitoraġġ ta' Tniġġis Żero.

## 3. Tisħiħ tal-isforzi biex jintlaħqu l-miri ta' sostenibbiltà tal-Unjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

- Inkomplu nibnu fuq ir-riforma reċenti ta' SES2+ biex nimmodernizzaw l-Amministrazzjoni tat-Traffiku tal-Ajru u ninċentivaw il-prestazzjoni ambjentali.
- Inħaffu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda mis-SESAR, u t-twettiq tagħhom, b'benefiċċji ambjentali (eż. il-funzjonalitajiet ATM tal-'Proġett Komuni 1' u l-Għanijiet ta' Distribuzzjoni Strateġika tal-Pjan Regolatorju).
- Inħeġġu t-titjib tal-infrastruttura ATM u tal-mod kif joperaw l-ajruplani permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib, u l-iżvilupp ta' indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni xierqa biex tinkiseb prestazzjoni klimatika u ambjentali aħjar fin-nisġa Ewropea tal-avjazzjoni.

## 4. Implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni effettivi għall-ajruporti

- Nippromwovu l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post fl-ajruporti, bl-għajnuna tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa, biex nelettriċizzaw l-operat fuq l-art u nnaqqsu mill-impatti tal-istorbju, fuq il-kwalità tal-arja u l-klima.
- Jitwettqu l-miżuri kollha meħtieġa, fid-dawl tal-inizjattiva ReFuelEU Aviation, li jiffaċilitaw l-aċċess u l-adozzjoni ta' SAF permezz ta' investimenti fl-infrastruttura, tal-kooperazzjoni mal-imsieħba fil-katina ta' provvista, tal-inċentivi finanzjarji u tal-ħolqien ta' qafas politiku u ta' governanza li jipprovdi s-sapport meħtieġ.
- Inqisu titjib fir-Regolament tal-Istorbju 'Approċċ Bilanċjat' għall-ġestjoni tal-impatti akustiċi madwar l-ajruporti, biex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni konsistenti mill-Istati Membri, jitħaffef il-proċess ta' konformità u jkun żgurat li r-restrizzjonijiet operattivi jintużaw biss wara li jkunu tqiesu l-elementi l-oħrajn kollha.

## 5. Żieda fl-użu ta' fjuwil tal-Avjazzjoni Sostenibbli biex jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet

- Titnaqqas id-differenza fil-prezz bejn is-SAF u l-fuels fossili billi nisfruttaw il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-konċessjonijiet ETS mogħtija u l-miżuri ta' appoġġ fl-inizjattiva ReFuelEU Aviation sabiex jitwettaq il-mandat tal-provvista.

- Nippromwovu s-SAF bl-akbar tnaqqis ta' emissjonijiet sabiex nimmassimizzaw is-sehem tagħhom fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll b'riżq il-miri ambizzjuzi fit-tul (LTAG) tal-ICAO u tas-CAAF/3.

- Nesploraw il-potenzjal tal-mekkaniżmi ta' kontabbiltà għas-SAF biex jitħaffef il-proċess tat-traċċabbiltà u l-kisba tal-benefiċċji tas-SAF, filwaqt li nippreservaw fl-istess ħin l-integrità ambjentali tal-iskemi ta' dekarbonizzazzjoni.

- Jitwettaq progress biex iċ-ċertifikazzjoni ta' sostenibbiltà tas-SAF tiġbed l-istess linja tar-reġimi ta' konformità regolatorja.

- Nagħrfu kif il-kompożizzjoni tal-fuel tal-avjazzjoni, kemm fossili kif ukoll bi frazzjonijiet ta' SAF, tista' titjieb biex jitnaqqsu b'mod ġenerali l-impatti fuq il-klima u l-kwalità tal-arja (eż. il-kwalità tal-fuel).

## 6. Inċentivi msejsa fuq is-suq għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fis-sostenibbiltà

- Ninċentivaw finanzjament sostenibbli fis-settur, anke permezz tat-twettiq tas-Sistema ta' Tassonomija tal-UE għall-attivitajiet marbuta mal-avjazzjoni.

- Insostnu l-analiżi perjodika ta' CORSIA għall-2025 biex niggarantixxu l-effettività tal-iskema fil-kontribuzzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur globali tal-avjazzjoni u nħeġġu s-sehem volontarju tal-Istati tal-ICAO matul il-perjodu ta' Fażi 1 (2024-2026).

- Nissuktaw bir-reviżjonijiet proposti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija sabiex inħeġġu l-użu ta' għejjuni ta' enerġija bl-ebda emissjoni ta' karbonju jew inkella b'livell baxx.

- Nassiguraw il-kwalità u l-kredibbiltà ambjentali tal-krediti tal-karbonju msejsa fuq il-volontarjat u l-konformità, inkluż it-tneħħija tal-karbonju, użati biex jagħmlu tajjeb għall-emissjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni jew inkella li jitnaqqsu.

## 7. Tħaffif tar-riċerka u l-implimentazzjoni ta’ soluzzjonijiet

- Inżidu r-riżorsi u l-koordinazzjoni fir-riċerka fuq livell ta’ UE (eż. Orizzont Ewropa, Fond għall-Innovazzjoni tal-UE) u nazzjonali fejn jidħlu l-prijoritajiet strateġiċi fost l-oqsma kollha (teknoloġija, operat, fuels) biex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2030 u nassiguraw li s-settur tal-avjazzjoni jkun fit-triq it-tajba li twasslu għall-mira tal-2040.

- Naraw li jkun hemm aktar koeżjoni fir-riċerka dwar l-effett klimatiku mill-emissjonijiet mhux $CO_2$ mill-avjazzjoni. Dan għandu jwassal biex immexxu ‘l quddiem l-għarfien xjentifiku u niżviluppaw il-ħiliet meħtieġa ħalli jittieħdu deċiżjonijiet b’saħħithom li jqisu l-inċertezzi bħala parti minn sistema evalwattiva li tikkunsidra r-riskji u tassigura li jittieħdu miżuri ta’ mitigazzjoni li jwasslu għal tnaqqis b’mod sħiħ fl-impatt ambjentali ($CO_2$ u mhux $CO_2$).

- Irridu naħdmu aktar biex niżguraw r-reżiljenza tas-settur tal-avjazzjoni u nkunu mħejjija għal dawn it-tibdiliet għall-ġejjieni hekk kif il-klima Ewropea qiegħda tisħon b'rata darbtejn aktar mgħaġġla mill-medja dinjija.

## 8. Kooperazzjoni globali biex nindirizzaw l-isfidi dinjija

- Insaħħu d-diplomazija ambjentali u l-kollaborazzjoni teknika mal-Istati msieħba biex nindirizzaw l-isfidi globali tas-sostenibbiltà fl-avjazzjoni.

- Niffaċilitaw it-tranżizzjoni għal mudelli ekonomiċi sostenibbli, anke permezz tat-twettiq ta’ negozju vijabbli tas-SAF.

- Nimmassimizzaw l-użu ta’ riżorsi ta’ kooperazzjoni internazzjonali permezz ta’ koordinazzjoni effettiva ta’ azzjonijiet Ewropej mal-Istati msieħba.


100%
Sustainable
Aviation
Fuel
ATR 72-600

**Drittijiet tal-awtur © [EASA]. Id-drittijiet huma kollha riżervati. Ċertifikati bl-ISO 9001. Dokument proprjetarju. Kull logo, dritt tal-awtur, trademark u trademark reġistrata li jistgħu jkunu f'dan id-dokument huma proprjetà tas-sidien rispettivi tagħhom.**

**Krediti għar-ritratti:** istock.com, Airbus SAS, ATR

**Appendiċijiet:** Il-lista bir-riżorsi u s-suppożizzjonijiet dettaljati dwar l-immudellar tista' tinstab fl-Appendiċijiet tar-Rapport Ewlieni

## Strixxi Klimatiċi mill-Avjazzjoni

Abbażi ta' studju reċenti li kkwantifika l-kontribuzzjoni tal-avjazzjoni għat-tisħin tad-dinja,[14] 'l-istrixxi klimatiċi' mill-avjazzjoni li ġejjin tfasslu bil-għan li jikkomunikaw messaġġ kumpless b'manjiera viżiva sempliċi li n-nies mhux biss ikunu jistgħu jiftakruha faċilment imma wkoll iħossuhom komdi magħha. L-istrixxi klimatiċi jikkomunikaw tipikament kif il-fatt li d-dinja qed tisħon qed iħalli impatt fuq it-tibdil tat-temperatura medja ta' wiċċ id-dinja fuq medda ta' żmien fuq livell dinji jew nazzjonali.[15] F'dan ir-rigward, il-kuluri tal-istrixxi ambjentali mill-avjazzjoni ta' hawn taħt jirrappreżentaw is-sehem immudellat f'% tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni fejn jidħol it-tisħin tad-dinja b'mod sħiħ (żieda fit-temperatura kontra linja bażi preindustrijali) matul sena partikolari bejn l-1980 (1.9% fuq ix-xellug) u 2021 (3.7% fuq il-lemin).



[14] Klöwer, M., Allen, M. R., Lee, D.S., Proud, S.R., Gallagher, L. and Skowron A. (2021) Quantifying aviation's contribution to global warming. Environmental Research Letters, Volume 16, Number 10.

[15] University of Reading (2018), Warming Stripes.

EASA
European Union Aviation Safety Agency

www.easa.europa.eu/eaer

**Indirizz postali**
Postfach 101253
50452 Cologne
Il-Ġermanja

**Indirizz li tista' żżur**
Konrad-Adenauer-Ufer
350668 Cologne
Il-Ġermanja

**Kuntatti oħrajn**
Tel +49 221 89990-000
Web www.easa.europa.eu

European Environment Agency

EUROCONTROL